# Tisħiħ tal-involviment

## VS-2018-0043

# Studju tal-Każ

## *Rapport ta' Malta*

UHM Voice of the Workers
Dar Reggie Miller
St Thomas Street
Floriana FRN 1032
Malta

Floriana, 15 ta' Ottubru 2018

**Introduzzjoni**

Matul dawn l-aħħar snin, Malta esperjenzat tkabbir ekonomiku bla preċedent, li involva lis-setturi ekonomiċi ewlenin kollha. Għalkemm mikrostati bħal Malta huma iktar vulnerabbli għal fatturi esterni, huwa wkoll veru li effetti ekonomiċi pożittivi jħallu impatt malajr u b'saħħtu fuq is-soċjetà. Il-kriżi finanzjarja tal-2008-2009 kellha impatt limitat fuq is-sistema meta mqabbla ma' Pajjiżi oħra tal-UE, l-aktar minħabba settur bankarju u finanzjarju sod li ma kienx espost għal investimenti ta' riskju għoli. Mill-2013, l-ekonomija qabdet momentum progressivament, immexxija minn setturi speċifiċi bħas-servizzi finanzjarji, l-IGaming, is-servizzi marittimi u tal-avjazzjoni, it-turiżmu u l-kostruzzjoni. Il-benefiċċji ta' tali tkabbir mhux biss kellhom effetti fuq setturi ekonomiċi oħra, iżda ssarrfu wkoll f'aktar impjiegi u f'livelli aktar baxxi ta' qgħad. Illum, Malta hu wieħed mill-pajjiżi li għandhom l-aqwa prestazzjoni f'dak li jirrigwarda l-indikaturi tax-xogħol u saret punt ta' attrazzjoni għall-forza tax-xogħol barranija. Bħala konsegwenza tas-sitwazzjoni, m'hemmxkażijiet ta' sensji kollettivi li jistgħu jiġu analizzati. Fil-fatt, Malta għandha djalogu soċjali kważi assenti fil-livell settorjali minħabba s-saħħa u s-suċċess fil-livelli tal-kumpaniji, filwaqt li bħala pajjiż żgħir, l-impatti fuq is-setturi ħafna drabi huma indirizzati minn perspettiva nazzjonali. Dan ma jfissirx li m'hemm l-ebda każ relevanti biex jiġi analizzat fi ħdan l-iskop tal-proġett. Il-fowkus ta' Insaħħu l-Involviment (Strengthening Involvement) fil-fatt hu li jiġu evalwati u skambjati esperjenzi dwar in-nuqqasijiet biex jiġu implimentati l-politiki u l-leġiżlazzjoni dwar il-konsultazzjoni u l-informazzjoni u dwar kif il-ħaddiema rreaġixxew u rriorganizzaw ruħhom biex jindirizzaw dawn l-isfidi. Filwaqt li msieħba oħra ppreżentaw każijiet fejn waqt ristrutturar, merġers, akkwisti u sensji kollettivi, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ma kinitx pprovduta skont kif inhu mitlub bil-liġi, f'Malta hemm każijiet fejn l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ma kinux pprovduti, għalkemm ma kellhomx rabta diretta ma' ristrutturar jew merġers. In-nuqqas ta' informazzjoni u konsultazzjoni adegwata jfisser il-prevenzjoni ta' drittijiet bażiċi, konnessi mal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-individwi aktar milli mal-istat tal-impjieg tagħhom. Il-kapaċità tar-reazzjonijiet tat-trejdjunjins, flimkien mal-abbiltà tagħhom li jippjanaw u jipprevjenu każijiet fejn id-drittijiet tal-ħaddiema qed jitnaqqru huma essenzjali. F'dan il-kuntest, UHM Voice of the Workers tippreżenta tliet każijiet differenti relatati ma' oqsma differenti bħal: ir-rikonoxximent tar-rappreżentanti tal-ħaddiema; il-konsultazzjoni dwar ftehimiet kollettivi; l-aċċess għal informazzjoni relatata mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

**Każ 1: Rikonoxximent tar-rappreżentanza tal-ħaddiema**

Mill-2015, Malta Public Transport (MPT) hi l-kumpanija privata li għandha f'idejha s-servizzi tat-trasport pubbliku bix-xarabank f'Malta u tħaddem 'il fuq minn 1,300 ruħ li joperaw 380 karozza tal-linja. MPT hija proprjetà ta' Autobuses de Leon, li hi parti minn AESA - ALSA group, li hu wieħed mill-mexxejja tas-settur fi Spanja. UHM Voice of the Workers ilha għal numru ta' xhur tiddikjara li għandha l-maġġoranza tal-ħaddiema magħha, għalhekk għandha tkun rikonxxuta bħala l-unjin li għandha tkun hi li tinnegozja l-ftehim kollettiv skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Il-kumpanija ma tatx dan id-dritt lill-UHM u lill-ħaddiema immedjatament, iżda kellhom ikunu numru ta' azzjonijiet li, għalkemm leġittimi, wasslu biex tinħoloq frizzjoni mal-forza tax-xogħol u mar-rappreżentanti tagħhom billi dawn dewwmu l-proċess sħiħ ta' rikonoxximent. Is-sitwazzjoni laħqet status quo sa Diċembru 2015.

Fil-fatt, UHM Voice of the Workers iddeċidiet li teskala l-kontroversja u ppromwoviet azzjoni industrijali bl-involviment tax-xufiera li ngħataw struzzjoni li ma jipproċessaw l-ebda operazzjonijiet ta' ħlas matul ix-xift tagħhom. Il-kumpanija kellha reazzjoni qawwija billi s-sistema kollha tal-biljetti hi bbażata fuq ir-rwol ewlieni tax-xufiera u s-sitwazzjoni tista' teskala aktar.

Matul l-istess ġurnata tal-azzjoni industrijali, il-UHM Voice of the Workers kienet qed tospita l-laqgħa ġenerali annwali tal-EZA (Iċ-Ċentru Ewropew għall-Mistoqsijiet tal-Ħaddiema): netwerk ta' 73 organizzazzjoni tal-ħaddiema minn 30 Pajjiż Ewropew. Matul l-avveniment, il-UHM infurmat lir-rappreżentanti tal-unjins l-oħrajn dwar is-sitwazzjoni kritika tal-kwistjoni tat-trasport pubbliku u matul dik l-okkażjoni irriżulta li l-Union Sindical Obrera (USO), li kienet waħda mill-parteċipanti fil-laqgħa tal-EZA f'Malta, kienet ukoll l-unjin li tirrappreżenta lill-ħaddiema tal-kumpanija omm fi Spanja.

Bl-għajnuna u bl-appoġġ ta' Solidarnosc, li hi membru attiv fl-EZA, il-UHM Voice of the Workers sejħet konferenza stampa urġenti fejn ir-rappreżentanti ta' USO u ta' Solidarnosc għamlu dikjarazzjonijiet b'saħħithom favur id-drittijiet tar-rikonoxximent tar-rappreżentanza ta' unjin.

L-intervent xpruna mekkaniżmu pożittiv li wassal għar-rikonoxximent immedjat tal-UHM u fi żmien ftit xhur, wassal għall-iffirmar ta' ftehim kollettiv ġdid.

Punti ewlenin

Il-imitazzjoni tad-drittijiet u tal-aċċess għall-informazzjoni/għall-konsultazzjoni ma sseħħx biss f'sitwazzjonijiet ta' ristrutturar, ta' merġers, ta' akkwisti, iżda hi wkoll relevanti fiċ-ċirkostanzi kollha.

L-aċċess għall-informazzjoni hu marbut direttament mar-rappreżentanza tal-ħaddiema u mad-dritt tagħhom biex ikunu rikonoxxuti bħala tali. L-aċċess għall-informazzjoni hu possibbli taħt il-kundizzjoni li d-dritt tal-impjegati li jagħżlu kwalunkwe organizzazzjoni biex tirrappreżentahom mhux qed jiġi mhedded. Dan il-każ juri kif in-nuqqas ta' rikonoxximent ifisser li l-ħaddiema jkunu mċaħħda mill-aċċes għal informazzjoni rilevanti dwar l-impjiegi futuri u l-prospetti ekonomiċi tal-kumpanija tagħħhom.

Li titrratta ma' impjegaturi b'ramifikazzjonijiet internazzjonali neċessarjament jirrikjedi koordinazzjoni bejn l-unjins fuq livell transnazzjonali u azzjoni fuq livell internazzjonali b'konnessjoni b'saħħitha mal-unjins kollegi f'pajjiżi fejn topera l-istess kumpanija (jew grupp).

Rakkomandazzjoni

Li l-impjegatur jiġi dduplikat f'termini ta' preżenza internazzjonali, billi jiġu stabbiliti kuntatti ma' unjins oħra li huma attivi mal-istess impjegatur jew mal-istess grupp f'pajjiżi oħra.

**Każ 2: Aċċess għall-informazzjoni dwar Ftehim Kollettiv**

F'Malta l-Edukaturi kienu rrappreżentati għal aktar minn 100 sena minn unjin waħda tal-għalliema: il-Malta Union of Teachers. F'Ġunju 2017 saru l-elezzjonijiet għal president ġdid fi ħdan il-Malta Union of Teachers (MUT). F'dak iż-żmien, kien hemm negozjati simultanji għal erba' ftehimiet kollettivi (settorjali, 2 Post Sekondarji, entitajiet tal-Gvern & l-Iskejjel tal-Knisja).
Il-presidenza l-ġdida impenjat ruħha li tagħlaq tali ftehimiet fi żmien 6 xhur mill-elezzjonijiet u b'wegħda ta' żieda ta' 20% fil-pagi.
F'Diċembru 2017, ġie ffirmat ftehim settorjali li jirregola l-qafas
għall-iskejjel kollha ta' Malta. Madankollu, dan il-ftehim ġie ffirmat mingħajr ma ttieħdet l-approvazzjoni tal-membri u mingħajr ma ġew iddivulgati lill-ħaddiema l-klawsoli kollha li ġew maqbula bejn il-Gvern u l-Unjin.

Bħala reazzjoni għal dan in-nuqqas gravi fil-proċess tad-djalogu soċjali li pprevjena lill-ħaddiema milli jaċċessaw l-informazzjoni li hi rilevanti għall-futur tagħhom, f'Jannar 2018 ħafna eks membri tal-kunsill tal-MUT iddeċiedew li jiffurmaw unjin ġdida.

L-ILO diddefinixxi d-djalogu soċjali bħala "t-tipi kollha ta' negozjar, konsultazzjoni jew sempliċement skambju ta' informazzjoni bejn jew fost rappreżentanti tal-gvernijiet, tal-impjegaturi u tal-ħaddiema, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-politika ekonomika u soċjali".

Għalhekk, id-djalogu soċjali hu bbażat fuq il-konsultazzjoni mal-ħaddiema. In-nuqqas ta' dan l-element kruċjali joħloq qasma serja fir-relazzjonijiet it-tajba.

Madankollu, din is-sitwazzjoni negattiva wasslet lill-ħaddiema biex isibu soluzzjonijiet alternattivi u jorganizzaw lilhom infushom fi struttura li tiggarantixxi aċċess ikbar u aktar profond għall-informazzjoni kollha, u b'hekk titpoġġa bażi solida għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema. B'dan il-mod, l-unjin il-ġdida sabet l-opportunità li tiskambja r-riżorsi ma unjin stabbilita bħall-UHM Voice of the Workers bħala waħda ta' benefiċċju kbir. Din tal-aħħar toffri ftehim dwar il-livell tas-servizz

li permezz tiegħu unjins ġodda jistgħu jistabbilixxu lilhom infushom b'mod faċli u b'hekk ikollhom l-għarfien u l-appoġġ ta' din l-unjin ġenerali stabbilita.

Grazzi għal dan il-ftehim dwar il-livell tas-servizz mal-UHM, il-UPE issa għandha post minn fejn taħdem, l-użu ta' ċentru telefoniku, parir legali u assistenza u komponenti bażiċi oħra biex unjin tkun tista' taħdem. Illum, il-UPE hi struttura minn isfel għal fuq, b'parteċipazzjoni qawwija tal-membri tagħha u qed issir punt ta' referenza fir-rappreżentazzjoni tal-għalliema f'Malta.

Punti ewlenin

L-iskabjar ta' informazzjoni hu l-aktar proċess bażiku fid-djalogu soċjali

Il-konsultazzjoni hi mezz li bih l-imsieħba soċjali mhux biss jiskambjaw l-informazzjoni

iżda wkoll biex jidħlu fi djalogu aktar fil-fond dwar kwistjonijiet imqajma; waqt li l-konsultazzjoni nnifisha

ma ġġorx magħha s-saħħa li jittieħdu d-deċiżjonijiet, din tista' sseħħ bħala parti minn tali proċess.

In-negozjar kollettiv bħala wieħed mill-aktar forom mifruxa ta' djalogu soċjali; jikkonsisti f'negozjati bejn impjegatur, grupp ta' impjegaturi jew ta' rappreżentanti tal-impjegaturi biex jiddeterminaw il-kwistjonijiet relatati mal-pagi u mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-ħaddiema jrid ikollhom aċċess għal din l-informazzjoni biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati

L-aċċess għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni hu prinċipju bażiku ta' kull ħaddiem irrispettivament mill-istat legali, mid-daqs u mill-fatturat ta' impjegatur, u dan mhux limitat biss għal intrapriżi privati.

Rakkomandazzjonijiet

L-aċċess għall-informazzjoni ma jwaqqafx mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, iżda għandu jitħaddem djalogu effettiv u aċċess ugwali għall-informazzjoni mal-ħaddiema kollha, biex dawn ikunu jistgħu jevalwaw is-sitwazzjoni b'mod kritiku.

Is-solidarjetà bejn l-unjins u l-iskambjar ta' riżorsi għandhom jiżdiedu fid-dawl tal-isfidi ppreżentati mix-xenarju li qed jevolvi.

Li l-membri jinżammu infurmati kull ħin hu element kruċjali b'mod speċjali f'din l-era diġitali u għal din ir-raġuni, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jridu jsibu modi innovattivi biex jikkomunikaw mal-ħaddiema.

**Każ 3: Aċċess għall-kuntratti tax-xogħol**

F'Malta, il-ħaddiema li huma reklutati huma rreġistrati mill-impjegatur mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Impjiegi msejħa Jobsplus. Il-formola tar-reġistrazzjoni li trid tiġi ffirmata mill-impjegat fiha informazzjoni ġenerika u definizzjoni konċiża ħafna tal-pożizzjoni u l-funzjoni. Dan hu d-dokument li l-impjegati kollha ta' Malta raw u ffirmaw, madankollu dan mhux neċessarjament ifisser li l-ħaddiema raw ukoll kuntratt tax-xogħol reali li jindika d-drittijiet u l-obbligi speċifiċi tal-kontropartijiet. Waqt li l-Liġi qed tipproteġi u tirregola lil dawk f'impjieg, anki fin-nuqqas ta' kuntratt iffirmat, id-dritt tal-impjegat li jkun infurmat dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu hu miksur kompletament.

Barra din il-kategorija ta' ħaddiema hemm dawk li għalkemm iffirmaw kuntratt tax-xogħol, l-istess kuntratt fih obbligi li mhumiex konformi mal-qafas nazzjonali. Stħarriġ kampjun li sar mill-UHM Voice of the Workers wera li numru ta' kuntratti f'diversi setturi kienu qed jiksru r-regoli Nazzjonali applikabbli.

Iż-żgħażagħ kif ukoll kategoriji oħra ta' ħaddiema x'aktarx li jbatu minn din is-sitwazzjoni billi ma jkunux konxji tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, għalhekk ma jkunux f'pożizzjoni li jevalwaw kwalunkwe aspett tar-relazzjonijiet tal-impjieg tagħhom. Hemm setturi speċifiċi tal-ekonomija Maltija li jippreżentaw aspetti speċifiċi bħall-istaġjonalità, in-nuqqas ta' sħubija f'unjin jew dimensjonijiet limitati ta' operaturi ekonomiċi, li ħafna mid-drabi mhux qed jipprovdu lill-impjegati bl-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom aparti minn xi forma ta' ftehim verbali. Madankollu, ir-responsabbiltà m'għandhiex tingħata lill-impjegaturi, b'mod speċjali Mikro-intrapriżi jew intrapriżi Żgħar, li qajla għandhom il-kompetenza u l-għarfien li jfasslu kuntratt li jirrifletti b'mod aħiħ ir-regoli applikabbli.

Biex twassal drittijiet ġodda u aktar efftiivi liċ-ċittadini u lill-ħaddiema Ewropej, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, politika bbażata fuq 20 prinċipju li għandhom ikunu l-istandard minimu mħaddem mll-pajjiżi kollha tal-UE. Il-prinċipju seba' hu partikolarment rilevanti, li fil-fatt hu dwar "Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol" u li jistipula li "Il-ħaddiema għandhom id-dritt li jkunu infurmati bil-miktub fil-bidu tal-impjieg tagħhom dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-impjieg, inkluż dwar il-perjodu ta' probation".

Il-ħidma tal-UHM hi mmirata lejn it-twettieq ta' dan il-prinċipju u tikkonsisti f'lobbjar qawwi li jsir fuq il-Gvern mill-2016, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-informazzjoni li hi kruċjali għat-twettieq tal-proġett. Min-naħa tagħha, il-UHM Voice of the Workers għamlet ix-xogħolijiet preliminari kollha, b'mod speċjali fir-rigward tal-isfidi teknoloġiċi involuti f'dan il-proġett.

L-aċċess għall-informazzjoni dwar kuntratti għandu jħaddan l-aktar teknoloġija riċenti u għandu jippermetti lill-utenti, kemm jekk ikunu ħaddiema, impjegaturi jew xi partijiet interessati oħra, biex joperaw bażi tad-data interattiva li tipprovdi l-kundizzjonijiet tax-xogħol minimi applikabbli bil-Liġi għal pożizzjoni speċifika u għal settur speċifiku fi ħdan il-ġurisdizzjoni Maltija.

Fl-aħħarnett, kif ġie spjegat fl-introduzzjoni, l-ekonomija Maltija qed tikber b'tali pass li s-sistema issa laħqet sitwazzjoni ta' livell massimu ta' impjiegi u biex tali tkabbir ikun sostnut, għandha l-bżonn li timporta forza tax-xogħol barranija. Fil-preżent madwar 20% tal-popolazzjoni tax-xogħol hi komposta minn ċittadini tal-UE u oħrajn mhux tal-UE, iżda dan in-numru mistenni jikber tul is-snin li ġejjin, li b'hekk iwassal għal sitwazzjonijiet fejn il-ħaddiema jsibuha aktar diffiċli biex jaċċessaw informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Punt ewlieni

Il-ħaddiema kollha jridu jkunu infurmati b'mod xieraq mhux biss dwar l-aspetti ddefiniti mid-Direttiva tal-KE 2002/14 iżda wkoll dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol preżenti tagħhom u jridu jkunu f'pożizzjoni li jaċċessaw faċilment jekk il-klawsoli imposti humiex konformi mal-leġiżlazzjoni.

Rakkomandazzjoni

F'kull Pajjiż issir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' prinċipju 7 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tibda titpoġġa pressjoni fuq il-Gvernijiet biex jimplimentaw jew jiffaċilitaw it-trasformazzjoni ta' dan il-prinċipju f'fatti.